MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1189/1999/1

**Simon Camilleri u Phar Chem International Limited**

**v.**

**Marcello Basile Cherubino u Cherubino Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi kienu ilhom ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża jaħdmu fil-Libja fis-suq tal-makkinarju ta’ l-isptarijiet u prodotti farmaċewtiċi, waqt illi s-soċjeta`

konvenuta hija aġent f'Malta ta' Pasteur Merieux u Bio Merieux u ta' kumpanniji oħra. Meta l-atturi fl-1995 kellhom talba mil-Libja biex jipprovdu prodotti farmaċewtiċi, huma għamlu kuntatt mal-konvenuti u sar ftehim illi l-atturi jieħdu ħsieb jiksbu ordnijiet mil-Libja u l-konvenuti jieħu ħsieb jissupplixxu l-prodotti ordnati. Fuq l-ordnijiet kienu jitħallsu kummissjonijiet ta' għaxra fil-mija (10%) u l-ftehim kien li l-atturi jieħdu ħsieb iħallsu sebgħa u nofs fil-mija (7.5%) lil terzi u l-bqija tinqasam bejn il-partijiet f'ishma ndaqs.

L-atturi kienu talbu lill-konvenuti biex impjegat tas-soċjeta` attriċi jkun jista' jirrappreżenta fil-Libja lill-kumpaniji li s-soċjeta` konvenuta kienet aġent tagħhom f'Malta, u kien inkiseb il-permess tal-prinċipali biex dan isir. Wara li kienu ilhom jaħdmu flimkien fi swieq ta' interess għat-tnejn għal madwar tliet snin, il-partijiet kienu wkoll ftiehmu illi jwaqqfu bejniethom soċjeta` bl-isem ta' Cherubino International Limited biex jiżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali. Din is-soċjeta` twaqqfet, u s-soċjeta` attriċi, permezz ta' l-attur Simon Camilleri, managing director tagħha, u ta' impjegati oħra tagħha, ħadet ir-responsabbilità li twaqqaf fil-Libja suq għal ċerti prodotti franċiżi; fil-fatt saru kuntatti u ftehim, u bdiet tiġi fornuta l-merkanzija. Il-ftehim bejn il-partijiet, li kien jolqot ukoll lil terzi, kien illi l-qligħ jinqasam kif miftiehem.

Ġara iżda illi l-ordnijiet mil-Libja baqgħu għaddejjin lill-prinċipali tal-konvenuti, u l-konvenuti baqgħu jirċievu l-kummissjonijiet bla ma għaddew lill-atturi u lit-terzi l-ishma li kien imiss lilhom skond il-ftehim. Barra minn hekk, il-konvenuti, b'malizzja u bi ksur tal-ftehim, bdew jaħdmu minn wara dahar l-atturi, li ma kellhomx kontroll fuq in-negozju li suppost kien qiegħed isir mis-soċjeta` komuni.

Is-soċjeta` komuni kellha timpjega persuna biex tieħu ħsieb l-interessi tagħha fil-Libja; l-attur ħa ħsieb li jsiru l-interviews iżda d-dettalji dwar l-impjieg tħallew f'idejn il-konvenut. Dan minn wara dahar l-attur impjega lil din il-persuna mas-soċjeta` konvenuta flok ma' dik komuni. Imbagħad, l-atturi in bona fide introduċew lil dik il-persuna mal-kuntatti kollha li kellhom fil-Libja, sabulha

akkommodazzjoni minn flushom, u tawha wkoll dokumenti konfidenzjali dwar l-operazzjonijiet tagħhom. Dik il-persuna, iżda, kienet intbagħtet il-Libja mill-konvenuti biex timxi fl-interess tagħhom biss, għalkemm lill-atturi tawhom x'jifhmu illi dik il-persuna kienet impjegata mal-kumpannija komuni.

Is-soċjeta` attriċi kemm-il darba sejħet lill-konvenuti biex dawn jimxu kif irid il-ftehim li għadu fis-seħħ, iżda l-konvenuti qegħdin ifittxu li jdawwru għall-benefiċċju tagħhom biss kull relazzjoni kummerċjali li kellha tkun komuni, billi jżommu lis-soċjeta` attriċi milli tieħu sehem u billi jċaħħduha minn kull informazzjoni. Id-dħul mill-operazzjonijiet, kemm dawk qabel it-twaqqif tas-soċjeta` komuni kif ukoll wara, kellu jmur għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet, skond il-ftehim ta' bejniethom, waqt illi s-soċjeta` attriċi kellha tiġbor biex tgħaddi lil terzi s-sehem ta' dawk it-terzi. Is-soċjeta` konvenuta jew il-konvenut, iżda, imxew b'mod illi d-dħul mar, u x'aktarx għadu jmur, għall-benefiċċju tagħhom biss. Minħabba f'dan l-għemil tal-konvenuti bi ksur tal-liġi, l-atturi ġarrbu danni li qegħdin jiżdiedu kuljum.

Barra minn hekk, jidher illi l-konvenuti daħlu f'xi forma ta' ftehim ma' soċjeta` oħra għall-istess skopijiet li għalihom kienu waqqfu s-soċjeta` komuni, u dan mhux biss jagħmel ħsara lill-atturi iżda huwa ksur tal-liġi ta' l-1995 dwar il-kumpanniji.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, għamlu ħsara lill-atturi meta, kontra l-ftehim, imxew b'mod illi jżommu lill-atturi milli jieħdu sehem mill-qligħ u żammew ukoll lis-soċjeta` attriċi milli tara illi s-sehem ta' ħaddieħor jingħata lil min imiss;

2. tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi; u

3. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jaħti jħallsu d-danni hekk likwidati u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Il-konvenut Marcello Basile Cherubino ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. iċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax ma saritx dikjarazzjoni maħlufa mis-soċjeta` attriċi kif irid l-art. 156(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili — din l-eċċezzjoni kienet irtirata fis-7 ta' Novembru 2000[1];

2. it-talbiet ta' l-atturi waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

3. iċ-ċitazzjoni ma saritx sew għax ma hemmx konsistenza bejn il-premessi u t-talbiet, għax xi wħud mill-premessi huma mibnija fuq ftehim ta' fornitura ta' merkanzija u ħlas minn kummissjonijiet, u oħrajn huma mibnija fuq ftehim bejn azzjonisti f'soċjeta` u qsim ta' qligħ u dividends, waqt illi t-talbiet huma għal danni;

4. l-atturi jgħidu illi l-kummissjonijiet baqgħu għaddejjin lill-prinċipali tal-konvenuti, u ma qalux, u ma talbux lill-qorti tgħid, illi l-konvenuti jew xi ħadd minnhom ħadu dawn il-kummissjonijiet jew xi parti minnhom; għalhekk il-konvenuti ma humiex kontradditturi leġittimi;

5. ukoll jekk jingħad illi l-azzjoni hija għall-qsim tal-qligħ ta' soċjeta`, ir-responsabbiltà tat-tmexxija kienet tal-managing director, l-attur Simon Camilleri nnifsu, u f'dawk iċ-ċirkostanzi tingħata biss azzjoni lill-azzjonisti tas-soċjeta`;

6. l-eċċipjent qatt ma kellu relazzjonijiet kummerċjali mas-soċjeta` Pharma Chem International Limited u dik is-soċjeta` fil-fatt ma teżistix; għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu miċħuda; din l-eċċezzjoni kienet ingħatat għax l-isem tas-soċjeta` attriċi tniżżel ħażin fiċ-ċitazzjoni u fl-atti relativi, iżda kienet saret korrezzjoni b'dikriet tas-7 ta' Novembru 2000[2];

1 *Fol*. 22.

2 *Fol*. 23.

7. l-eċċipjent ma għamel ebda danni lill-attur Simon Camilleri, u għalhekk it-talbiet ta' dan ukoll għandhom jiġu miċħuda.

Is-soċjeta` konvenuta Cherubino Limited ressqet l-istess eċċezzjonijiet, ħlief għall-ħames eċċezzjoni fejn qalet illi hi ma hijiex azzjonista fis-soċjeta` Cherubino International Limited u għalhekk ma hijiex kontradittriċi leġittima f'azzjoni għall-qsim tal-qligħ ta' soċjeta`.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru, 2005 meta cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u fl-istess hin cahdet ukoll it-talbiet attrici b'dana li l-ispejjez relattivi ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kellhom jigu sopportati mill-konvenuti filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha kellhom ihallsuhom l-atturi, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk.

"L-atturi saru jafu, mingħand ħbieb li kellhom fil-Libja, illi l-gvern ta' dak il-pajjiż kien sejjer joħroġ sejħa għal offerti għall-prodotti mediċi u farmaċewtiċi. Billi kienu jafu illi s-soċjeta` konvenuta kellha l-aġenzija f'Malta ta' soċjetajiet barranin illi jagħmlu dawk il-prodotti, l-atturi avviċinaw lill-konvenuti biex iħajjruhom jagħmlu offerta f'isem il-prinċipali tagħhom għall-bejgħ lill-aġenzija tal-gvern libiku li tieħu ħsieb ix-xiri ta' dawk il-prodotti. Il-ftehim kien illi l-prinċipali tas-soċjeta` konvenuta jħallsu kummissjoni ta' għaxra fil-mija (10%) li tinqasam hekk: sebgħa u nofs fil-mija (7.5%) jitħallsu lill-ħbieb ta' l-atturi fil-Libja talli dawn jieħdu ħsieb illi tintlaqa' l-offerta, u l-bqija ta' tnejn u nofs fil-mija (2.5%) tinqasam f'ishma ndaqs bejn l-atturi u l-konvenuti.

"Ġara illi l-offerta magħmula f'isem il-prinċipali tas-soċjeta` konvenuta — jew għall-inqas parti minn dik l-offerta — intlaqgħet: il-prodotti bdew jinxtraw mill-gvern libiku u l-

prinċipali tas-soċjeta` attriċi bdew iħallsu l-kummissjonijiet li kienu jinqasmu skond il-ftehim.

"Lill-atturi dehrilhom ukoll illi, billi huma kienu jafu s-suq libiku, setgħu jiksbu wkoll ordnijiet minn sptarijiet u kliniċi privati. Għalhekk il-partijiet waqqfu flimkien soċjeta` ġdida, bl-isem ta' *Cherubino International Limited*, sabiex permezz ta' din is-soċjeta` jbigħu fis-suq privat il-prodotti tal-prinċipali tas-soċjeta` konvenuta. Rappreżentanti taż-żewġ partijiet għamlu żjara fil-Libja biex iduru l-isptarijiet u l-kliniċi privati iżda minn dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet ma seħħ xejn, għax ma nkisbux ordnijiet, u *Cherubino International Limited* baqgħet qatt ma innegozjat.

"Ġara wkoll illi, sabiex tara illi l-prodotti tal-prinċipali tagħha jkunu qegħdin jitħaddmu sew, is-soċjeta` konvenuta impjegat tekniku biex iżomm għajnejh fuq il-mod kif kienu jitħaddmu l-prodotti. Il-ħsieb kien illi dan it-tekniku jfisser lill-ħaddiema fil-laboratorji kif jitħaddmu l-prodotti sabiex dawn ma jintużawx ħażin u hekk ma jaħdmux sew u jiksbu isem ħażin fis-suq.

"L-atturi ħasbu illi dan it-tekniku kien impjegat mhux mas-soċjeta` konvenuta iżda ma' *Cherubino International Limited,* is-soċjeta` taż-żewġ partijiet, u jqisu bħala tradiment il-fatt illi dan it-tekniku kien impjegat — minn wara daharhom, igħidu huma — mas-soċjeta` konvenuta.

"Il-qorti iżda hija sodisfatta illi xogħol dan it-tekniku kien fit-tħaddim tal-prodotti — ħaġa li tinteressa lis-soċjeta` konvenuta bħala aġent tad-ditta li tagħmel il-prodotti — u mhux fil-*marketing* — ħaġa li tinteressa liż-żewġ partijiet. Għalhekk il-qorti hija tal-fehma illi aktar tista' toqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenuti illi qatt ma kien hemm il-ħsieb illi t-tekniku jkun imġjegat mas-soċjeta` l-ġdida taż-żewġ partijiet.

"Waqt is-smigħ tal-kawża l-atturi fissru illi l-aggravji tagħhom huma dawn:

"1. illi kien hemm xi kummissjonijiet li ma tħallsux, la lilhom u lanqas lill-ħbieb tagħhom fil-Libja li kellhom jieħdu sebgħa u nofs fil-mija (7.5%); dan għamlilhom ħsara kemm għax kienu mċaħħda mid-dħul li kien imisshom u wkoll għax waqqgħalhom isimhom mal-ħbieb tagħhom u hekk tellfilhom il-possibbiltà li jerġgħu jagħmlu negozju ma' dawn il-ħbieb; u

1. illi l-konvenuti qarrqu bihom meta impjegat li kellu jkun tas-soċjeta` li kellhom flimkien ġie impjegat mas-soċjeta` konvenuta li hekk inqdiet bil-kuntatti li għamlet bis-saħħa ta' l-atturi biex kabbret in-negozju tagħha, u qiegħda żżomm il-qligħ għaliha."

"Qabel ma nqisu l-meritu ta' dawn l-aggravji ta' l-atturi, jeħtieġ illi nqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti, għax jekk tintlaqa' dik l-eċċezzjoni l-azzjoni tieqaf hawn.

"Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili[3]. Dik il-preskrizzjoni tolqot l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat ġejjin *ex delicto vel quasi*, sakemm l-illeċitu ma jkunx ukoll reat penali.

"Fil-każ tallum, l-azzjoni hija għall-ħlas ta' danni minħabba ksur ta' kuntratt; għalhekk id-danni mitluba huma dawk li jitnisslu *ex contractu* u mhux *ex delicto vel quasi*. Il-preskrizzjoni taħt l-art. 2153, għalhekk, ma tolqotx l-azzjoni tallum u l-eċċezzjoni hija miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tat-talbiet ta' l-atturi. L-ewwel aggravju ta' l-atturi jolqot il-kummissjonijiet li jgħidu li ma tħallsux lilhom u lil ħbiebhom fil-Libja.

"Mix-xhieda ħareġ illi l-kummissjonijet lil-Libiċi kienu jitħallsu direttament mill-prinċipali tal-konvenuti. Għalhekk, jekk kien hemm xi nuqqas u dan in-nuqqas

[3] **2153.** L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

għamel ħsara lill-atturi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Libiċi, l-atturi kellhom ifittxu mhux lill-konvenuti *proprio* iżda bħala aġenti f'isem il-prinċipali tagħhom. Billi l-konvenuti kienu mħarrkin *proprio* ma humiex kontradittur leġittimi dwar dan l-aggravju.

"Dwar is-sehem mill-kummissjonijiet li jmiss lill-atturi, ma huwiex kontestat illi l-atturi għandhom jieħdu s-sehem li jmiss lilhom skond il-ftehim. It-talba iżda ma hijiex għal ħlas ta' kummissjonijiet iżda għal ħlas ta' danni u għalhekk, biex ma tmurx *extra petita*, il-qorti ma tistax tqis il-meritu ta' dan l-aggravju. Madankollu, il-qorti tawgura illi din il-vertenza li nqalgħet bejn il-partijiet ma żżommx lill-konvenuti milli jżommu l-kelma li taw fit-tmien paragrafu ta' l-istqarijiet maħlufa tagħhom meta qalu illi d-drittijiet ta' l-attur għall-ħlas ta' dawn il-kummissjonijiet "baqgħu u għadhom impreġudikati".

"L-aggravju l-ieħor huwa illi, effettivament, il-konvenuti "serqu" l-benefiċċju li kellu jittieħed mill-kuntatti li għamlu bis-saħħa ta' l-atturi meta lill-atturi tawhom x'jaħsbu illi impjegat tal-konvenuti kien impjegat tas-soċjeta` bejn iż-żewġ partijiet, u li għalhekk kellu jaħdem fl-interess taż-żewġ partijiet meta fil-fatt kien qiegħed jaħdem fl-interess tal-konvenuti biss.

"Rajna illi, fil-fehma tal-qorti, in-natura teknika tax-xogħol ta' dak l-impjegat aktar tagħti kredibbiltà lit-teżi tal-konvenuti illi dak l-impjegat kellu jieħu ħsieb biss in-naħa teknika li tinteressa lil min jagħmel il-prodotti u mhux ukoll il-*marketing* li kien jinteressa lit-tnejn. Għalhekk kienet ħaġa naturali li kellu jkun impjegat mas-soċjeta` konvenuta u mhux mas-soċjeta` li l-partijiet kellhom flimkien.

"F'kull każ, iżda, mix-xhieda ħareġ illi mill-kuntatti li kellhom l-atturi ma ħareġ xejn ħlief l-ordni magħmula mill-aġenzija tal-gvern libiku. Minn dik l-ordni l-atturi ħadu, jew sejrin jieħdu, is-sehem li jistħoqqilhom, u għalhekk ma ġarrbu ebda danni. Minn negozju ieħor li sar bis-saħħa tagħhom ma setgħu jieħdu, u għalhekk ma tilfu, xejn għax

ebda negozju ieħor ma sar bis-saħħa tal-kuntatti li kellhom.

“Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba ta’ l-atturi għall-ħlas ta’ danni ma tistax tintlaqa’.”

**L-appell ta’ l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fis-17 ta’ Novembru, 2005 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata inkwantu din cahdet it-talbiet attrici u konsegwentement tilqa’ l-istess talbiet bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-appellati pprezentaw risposta ghar-rikors ta’ l-atturi fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza kkonfermata u li, prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellanti jhallsu spejjez doppji.

**L-aggravji ta’ l-appellanti.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta’ l-appell jidher car li kull ma qeghdin ighidu l-appellanti hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz u tal-punti legali involuti – infatti kif sewwa gie osservat fir-risposta tal-konvenuti appellati “l-appell intavolat mill-atturi ma jipprezenta xejn gdid u ebda spunt legali li ma giex meqjus *funditus* mill-Ewwel Qorti …..”

Jidher li l-appellanti jinsabu aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti iddisponiet minn din il-vertenza b’mod konciz. Din il-Qorti izda ma tara xejn hazin fil-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha billi huwa car li dik l-istess Qorti kienet ghamlet ezami akkurat ta’ dak li kien qed jigi mitlub mill-atturi u kkontestat mill-kontro-parti. Din il-Qorti li ezaminat l-atti taqbel kompletament mal-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk taghmilhom taghha.

Infatti fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ippuntwalizzat l-aggravji tal- atturi billi fil-pagna sitta (6) ta' l-istess sentenza indikat li dawn kienu jikkonsistu mill-banda l-wahda fin-nuqqas ta' hlas ta' kummissjonijiet dovuti lis-socjeta` attrici u terzi, u mill-banda l-ohra l-kwistjoni ta' l-impieg ta' persuna mas-socjeta` konvenuta, liema socjeta` konvenuta, skond l-atturi, "inqdiet bil-kuntatti li ghamlet bis-sahha ta' l-atturi biex kabbret in-negozju taghha u qieghda zzomm il-qliegh ghaliha."

Dwar il-kummissjonijiet li l-Libici kienu jithallsu l-appellanti osservaw b'mod mhux daqstant car li l-agir tal-konvenut "kien malizjuz u intiz li jcahhad lill-atturi mid-drittijiet taghhom minkejja l-ftehim car li kien hemm bejniethom" u b'hekk "cahhad lill-atturi mid-dritt taghhom ta' kummissjonijiet <u>bhal ma cahhad ukoll minn tali kummissjonijiet lill-persuni li kienu vitali ghan-negozju fil-Libja</u>". F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti osservat, korrettament, li mix-xhieda hareg li dawn il-kummissjonijiet dovuti lil-Libici kienu jithallsu direttament mill-principali tal-konvenuti u cioe` l-kumpanniji farmacewtici francizi li kienu jissupplixxu l-medicini. Konsegwentement, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, "jekk kien hemm xi nuqqas u dan in-nuqqas ghamel hsara lill-atturi fir-relazzjonijiet taghhom mal-Libici, l-atturi kellhom ifittxu mhux lill-konvenuti proprio izda bhala agenti f'isem il-principali taghhom." Kien ghalhekk li f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti sabet li l-konvenuti, in kwantu mharrkin *proprio*, ma kienux kontraditturi legittimi dwar dan l-aggravju.

Din il-Qorti taghmel taghha din il-konkluzzjoni billi ma hemmx dubbju li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ma kinitx biss limitata ghall-ispartizzjoni tal-kummissjoni dovuta izda principalment ghall-importazzjoni gewwa l-Libja ta' merca tas-socjetajiet Francizi li kienu raprezentati gewwa Malta mis-socjeta` konvenuta. Minghajr il-partecipazzjoni ta' dawn is-socjetajiet Francizi fin-negozju li kien prospettat fil-Libja, ma seta' jsir xejn u daqstant is-socjeta` konvenuta qatt ma setghet tidhol f'tali negozju jekk mhux bil-*bene placitu* tal-principali taghha.

Dwar il-kummissjonijiet dovuti lill-atturi din il-Qorti wkoll tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li la darba t-talbiet attrici kienu indirizzati lejn il-likwidazzjoni u hlas ta' danni, kull konsiderazzjoni u kundanna ghal hlas ta' kummissjonijiet *se mai* dovuti kienu jwasslu ghal sentenza oltre dak li kien qed jintalab u cioe` *ultra petita.* Infatti l-ewwel talba fic-citazzjoni attrici tghid espressament hekk: "Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti jew min minnhom kkagunaw danni lill-attur u lis-socjeta` attrici meta kuntrarjament ghal ftehim agixxew b'mod illi de facto eskludew lill-istess milli jkomplu dak li kellha dritt taghmel u tkompli tippercepixxi r-rikavat ta' l-istess ….." Minn din it-talba kif formulata din il-Qorti tifhem, kuntrarjament ghal dak li issa qed jigi mitlub fir-rikors ta' l-appell, li l-aggravju ta' l-atturi kien indirizzat lejn it-telfien tan-negozju taghhom fil-Libja f'data futura u dan minhabba l-allegat agir tal-konvenuti kontra l-ftehim u mhux dwar xi drittijiet taghhom ghall-kummissjonijiet li wara kollox, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, qatt ma kienu gew michuda lilhom.

Dwar l-aggravju li jikkoncerna l-impieg ta' terza persuna liema impjegat allegatament ghamel hsara lill-atturi billi akkwista l-informazzjoni mehtiega ghan-negozju fil-Libja u din l-informazzjoni adoperaha a beneficcju tas-socjeta` konvenuta, hemm divergenza bejn il-partijiet fis-sens li filwaqt li l-atturi jghidu li din il-persuna kellha tkun impjegata mas-socjeta` attrici, il-konvenuti jsostnu li din il-persuna, ghar-ragunijiet teknici, giet impjegata mas-socjeta` konvenuta. Fir-rigward l-ewwel Qorti osservat li "fil-fehma tal-qorti, in-natura tekinka tax-xoghol ta' dak l-impjegat aktar taghti kredibilita` lit-tezi tal-konvenuti illi dak l-impjegat kellu jiehu hsieb biss in-naha teknika li tinteressa lil min jaghmel il-prodotti u mhux ukoll il-marketing li kien jinteressa lit-tnejn. Ghalhekk kienet haga naturali li kellu jkun impjegat mas-socjeta` konvenuta u mhux mas-socjeta` li l-partijiet kellhom flimkien." Fi kwlaunkwe kaz, kif ukoll sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-uniku negozju li sar mill-kontendenti fil-Libja kien dak maghmul ma' l-agenzija tal-gvern Libiku, u ghalhekk l-atturi ma jistghux jilmentaw minn xi telf billi ma kienx hemm negozju iehor.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghall-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------